MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 678/2001/1

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alpine Rent-A-Car Ltd sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Alpine Rent-A-Car Ltd.**

**Vs**

**Arthur Gatt**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datata d-19 ta' Lulju tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lill-konvenut quddiem din il-Qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' tlett elef tliet mija u tminn liri u hames centezmi (Lm3308.05,0) jew ammont verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti minnhom fl-incident awtomobilistiku tal-1 ta' Marzu 2001 fi Triq l-Imdina, Zebbug bejn il-vettura numru KIM444 misjuqa mill-konvenut u propjeta' tas-socjeta' assikurata Alpine Rent-A-Car Ltd, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da part tal-konvenut;**

**2. Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi Lm10, dawn tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 2001 u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-17 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Preliminarjament illi s-socjeta' attrici mhix il-leggitimu kontradittur, stante li s-socjeta' Fortress Insurance Agency Limited ma tista' qatt gudizzjarjament tirrappresenta principal li jinsab hawn Malta, u kwindi l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.**

**2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-incident in kwistjoni ma garax tort u htija tal-konvenut, izda gara tort ta' terz eccipjenti b'mod illi gieghlu jirkeb is-central strip u b'hekk habat mal-vettura numru IAK 207 misjuqa minn Hugh Lefevre li kienet gejja mid-direzzjoni opposta.**

**3. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni u ghalhekk it-talbiet taghhom ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.**

**4. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semghet ix-xhieda prodotti;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tal-4.45 ta' filghaxija ta' l-1 ta' Marzu tas-sena 2001 gewwa Triq l-Imdina, Haz-Zebbug, ftit 'l isfel mir-"round-about" tas-Siggiewi;**

**2. Illi f'dan l-incident kienu involuti l-vettura tal-marka Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni IAK-207 misjuqa minn Hugh Lefevre u propjeta' tas-socjeta' Alpine Rent-A-Car Limited u l-vettura tal-marka Sierra li fil-hin ta' l-istess incident ma kellhiex numri ta' registrazzjoni fuqha, izda minn ricerka**

**sussegwenti jirrizulta li kienet iggib in-numru KIM-444 misjuqa mill-konvenut Arthur Gatt;**

**3. Illi meta l-forzi ta' l-ordni wasslu fuq il-post ta' l-incident sabu li z-zewg vetturi kienu fil-karreggjata li taghti fid-direzzjoni minn Hal-Qormi ghar-Rabat;**

**4. Illi jirrizulta li l-konvenut kien qed isuq fid-direzzjoni lejn Hal-Qormi b'velocita' qawwija, tilef il-kontroll, qabez is-"central strip" u tar u spicca mahbut fil-vettura assigurata mis-socjeta' attrici (ara fol 16);**

**5. Illi l-incident de quo kien wiehed serjissimu;**

**6. Illi d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine huma regolarment assodati;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-versjoni kif fuq sintetikament esposta tikkontesta ruhha ma' dik tal-konvenut stante li dan isostni f'fazijiet differenti tal-procedura li:**

**a. Kien hemm xi hadd li daqqlu l-"horn", skiddja u habat mas-"central strip" (ara fol 16);**

**b. Kien miexi fit-triq tieghu u xi hadd rassu, qabad is-"central strip" u spicca mahbut (ara fol 66);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-versjonijiet tal-konvenut ghalhekk ivarjaw stante li dik rilaxxata lill-parti odjerna m'hix l-istess bhal dik rilaxxata lill-pulizija meta interrogat;**

**Illi in oltre l-versjoni registrata mill-pulizija investigattiv ibbazata fuq xhieda ta' xhud okulari hi aktar attendibbli;**

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut:**

**1. Tiddikjara li l-konvenut Arthur Gatt hu unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine fl-ammont ta' tlett elef, tlett mija u tminn liri Maltin u hames centezmi, (Lm3,308.05,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Arthur Gatt ihallas lis-socjeta' attrici nomine l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**